



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru° 31/16

il-Lussemburgu, 17 ta' Marzu 2016

Sentenza fil-Kawżi magħquda C-145/15 u C-146/15
K. Ruijsenaars, A. Jansen u J.H. Dees-Erf vs Staatssecretaris van
Infrastructuur en Milieu

**L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jeżerċitaw sorveljanza ta' natura ġenerali bil-
għan li jiżguraw id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru, iżda ma humiex obbligati li jaġixxu
fuq ilmenti individwali**

Madankollu, din is-setgħa tista' tingħata lilhom mil-leġiżlazzjoni nazzjonali

F'każ ta' tħassir ta' titjira, it-trasportatur bl-ajru huwa obligat, skont regolament tal-Unjoni¹, li jieħu
f'isieb il-passiġġieri kkonċernati kif ukoll li jikkumpenshom (bejn €250 u €600, skont id-distanza).

Barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jinnomina organu responsabbli għall-infurzar ta' din il-
leġiżlazzjoni. Kull passiġġier jista' jressaq quddiem dan l-organu, ilment dwar ksur ta' dan ir-
regolament. Is-sanzjonijiet fil-każ ta' ksur għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Fil-Pajjiżi l-Baxxi, is-segretarju tal-Istat ġie nnominat bħala organu nazzjonali kompetenti. F'dan il-
kuntest huwa għandu kompetenza ġenerali sabiex jadotta miżuri koerċittivi, b'mod partikolari fil-każ
ta' rifjut sistematiku tat-trasportatur bl-ajru li jikkumpensa lill-passiġġieri. Għall-kuntrarju, huwa ma
jistax jadotta miżuri koerċittivi fuq talba ta' passiġġier li jkun ressaq il-każ tiegħu quddiemu.

F'dan il-kuntest, ir-Raad van State (Kunsill tal-Istat Olandiż) huwa adit b'żewġ kawżi li jikkonċernaw
passiġġieri bl-ajru li lilhom ġie rrifjutat il-flas ta' kumpens. Huma talbu lis-segretarju tal-Istat jadotta
miżuri koerċittivi fil-konfront tal-kumpanija tal-ajru kkonċernata, li huwa rrifjuta li jagħmel. Ir-Raad
kellu dubju dwar il-kompetenza tas-segretarju tal-Istat li jadotta, f'sitwazzjonijiet individwali, miżuri
koerċittivi fuq talba tal-passiġġieri u ressaq domandi preliminari dwar dan is-suġġett quddiem il-
Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta, qabel xejn, il-kunċett ta' "ilment" li jista'
jitressaq quddiem l-organu minn kull passiġġier. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-kunċett għandu
jitqies pjuttost li huwa sinjal immirat sabiex jikkontribwixxi għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-
regolament b'mod ġenerali, peress li dan l-organu ma huwiex obligat li jaġixxi fuq tali lmenti
sabiex jiġi żgurat id-dritt ta' kull passiġġier individwali għall-kisba tal-kumpens.

Fir-rigward tal-kunċett ta' "sanzjoni", dan jirreferi għall-miżuri adottati b'reazzjoni għall-ksur li l-
organu jirrivele fl-eżerċizzju tas-sorveljanza tiegħu ta' natura ġenerali, u mhux għall-miżuri
koerċittivi amministrattivi li għandhom jiġu adottati f'kull każ individwali.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-organu nazzjonali kompetenti, bħala prinċipju, ma
huwiex obligat li jadotta miżuri koerċittivi fil-konfront tat-trasportaturi bl-ajru maħsuba sabiex
iġieghu lil dan tal-aħħar iħallas il-kumpens previst fir-Regolament Nru 261/2004.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, fid-dawl tal-għanijiet tar-regolament kif ukoll tal-
marġni ta' manuvra li għandhom l-Istati Membri fl-għoti tal-kompetenzi li jkunu jixtiequ jagħtu lill-
organi, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà, bil-għan li jagħmlu tajjeb għall-protezzjoni
insuffiċjenti tad-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru, li jawtorizzaw lill-organi jadottaw miżuri li jsegu l-
ilmenti individwali.

¹ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni
dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta'
titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355